**Laqgha Numru 07/K6/2010**

**Introduzzjoni**

Is-Seba’ Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar il-Gimgha 12 ta’ Marzu 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fl-11 ta’ Marzu 2010. L-Agenda kienet:

**01. Decizjoni dwar Kwotazzjoni 01/2010.**

## 01. Decizjoni dwar Kwotazzjoni 01/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li n-nefqa sabiex isir ir-rapport tas-SEAP ghandha titiehed mill-vot kollu ghall-Gemellagg u jekk hemm bzonn il-kumplament mill-vot ta’ l-attivitajiet socjali u kulturali.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli issekonda.

1.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li fil-laqgha precedenti kien hemm qbil li delegazzjoni mill-Kunsill izzur Roccalumera f’April 2010 biex takumpanja lill-Ghaqda Anzjani Pembroke u ghalhekk dan ifisser li din issa ma tkunx tista’ ssir apparti wkoll ukoll il-kuncett tal-gemellagg ma’ Anning.

1.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan ma jfissirx li qed jigu revokati d-decizjonijiet li ttiehdu fil-laqgha precedenti u ladarba jkun hemm xi dhul, kif jintefaq dan id-dhul ghandu jerga’ jigi diskuss.

1.05. Il-Kunsill qabel unanimament fuq il-proposta tas-Sindku Joe Zammit.

***1.06. Fil-5.40 pm is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni tal-laqgha sabiex jiltaqa’ l-Bord ta’ l-Ghazla.***

1.07. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

***1.09. Il-laqgha giet sospiza.***

***1.10. Il-laqgha tkompliet fil-5.55pm.***

1.11. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta’ l-Ghazla kien irrakkomanda li l-Kwotazzjoni 01/2010 – Preparation of a Sustainable Energy Action Plan (SEAP) for the locality of Pembroke tinghata lill-kumpanija Econing Engineering Consultancy Ltd abbazi li l-offerta taghhom hija value for money u abbazi tal-prezentazzjoni li saret.

1.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.13. Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat vvutaw kontra.

1.14. Il-mozzjoni ghaddiet.

1.15. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqgha li jmiss ghandha issir nhar l-Erbgha 24 ta' Marzu fil-5.30pm u mhux kif kien gie deciz li ssir nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu 2010. (Rezoluzzjoni specjali)

1.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ssekondaw.

1.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.18. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fil-5.55pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 24 ta' Marzu 2010 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |